**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Lulju, 2018

Rikors Nru : 234/18 AL

**AB**
**U**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie guramentat miz-zewg rikorrenti, li pemezz tieghu ppremettew :

1. Illi r-rikorrenti zzewwgu fl-ghaxra (10) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007), u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi minn dan iz-zwieg ma kellhom l-ebda wild;

3. Illi l-hajja konjugali bejn ir-rikorrenti ma baqghatx aktar possibli minhabba ragunijiet fil-Ligi li jaghtu lok ghal separazzjoni personali bejniethom u konsegwentement ir-rikorrenti resqu ghal

separazzjoni personal permezz ta' kuntratt datat tletin (30) ta' Marzu elfejn u hdax (2011) fl-atti tan-Nutar Dottor Anne Marie Tonna, kopja ta' liema qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. B;

4. Illi r-rikorrenti ilhom separati legalment ghal iktar minn seba' (7) snin, ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u konsegwentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

5. Illi skont il-kuntratt surreferit ir-rikorrenti rrinunzjaw irrevokabilment ghad-dritt li jitolbu u jircievu hlas ta' manteniment minghand xulxin;

6. Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi ma dan ir-rikors qed jigu annessi 2 affidavits li qed jigi mmarkati Dok. C u Dok. D;

Talbu li din il- Qorti :

(i) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn ir-rikorrenti;
(ii) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku

Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Mejju, 2018;

Rat l-affidavits bix-xiehda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-30 ta' Marzu, 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.